



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol



Riskji emerġenti

Antiċipazzjoni tal-bidla: proġetti ta' prospettiva

Ix-xogħol u l-postijiet tax-xogħol qed jinbidlu b'mod kostanti, u dan jista' jwassal għal riskji u sfidi ġodda għas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali (OSH) u dilemmi ġodda. Permezz tal-proġetti ta' prospettiva tagħha, l-EU-OSHA għandha l-għan li tantiċipa dawn il-bidliet — teknoloġiċi, ambjentali, soċjetali, politiċi u ekonomiċi — u li tappoġġa l-prevenzjoni u l-mitigazzjoni f'waqthom tar-riskji futuri tal-OSH.

Proġetti ta' prospettiva — dejjem aġġornati

Diġitalizzazzjoni

Dan il-proġett ta' prospettiva ffoka fuq l-impatt tat-teknoloġiji diġitali dwar l-OSH, inklużi l-pjattaformi online, l-intelliġenza artifiċjali, l-għodod ta' monitoraġġ intelliġenti, ix-xogħol mill-bogħod u r-robotika. L-għarfien tal-proġett ikkontribwixxa għall-Kampanja Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa 2023–2025 "Xogħol sigur u li jippromwovi s-saħħa fl-era diġitali" bil-ħames oqsma prijoritarji tagħha.

Ekonomija Ċirkolari

Il-bidla għal Ekonomija Ċirkolari, fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku tal-Ewropa u ta' Tranżizzjoni Ġusta, għandha implikazzjonijiet politiki u regolatorji sinifikanti li jaffettwaw l-impjegji attwali u futuri u s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema. Dan l-istudju ta' prospettiva kien jinkludi xenarji li jħarsu lejn Ewropa aktar newtrali għall-karbonju fl-2040. Dawn ix-xenarji għandhom l-għan li jrawmu d-djalogu fost il-partijiet ikkonċernati, filwaqt li jinfurmaw id-deċizzjonijiet illum għal futur aktar b'saħħtu u aktar sikur fuq il-post tax-xogħol.


Il-proġetti ta' prospettiva tal-EU-OSHA jidentifikaw ix-xejriet ewlenin, il-motivaturi tal-bidla u jsawru xenarji futuri biex jiġu żviluppati strateġiji għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' riskji emerġenti tal-OSH.

Impjegji ekoloġiċi

Enfasi dejjem akbar fuq politiki aktar ekoloġiċi ħolqot impjegji ġodda, iżda l-benefiċċji ambjentali tagħhom jistgħu ma jallinjawx mas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-impjegji jkunu sostenibbli u jipprovdu ambjent tax-xogħol sikur u li jgħib 'il quddiem is-saħħa, il-proġett ta' prospettiva tal-EU-OSHA dwar impjegji ekoloġiċi ffukat fuq oqsma bħall-bini ekoloġiku, il-ġestjoni tal-iskart u l-enerġija rinnovabbli, biex jiġu enfasizzati r-riskji tal-OSH li jeħtieġ li jiġu ġestiti issa u fil-futur.

Tibdil fil-klima

L-effetti tat-tibdil fil-klima huma dejjem aktar evidenti u qed jiġu żviluppati reazzjonijiet ta' politika importanti. Din il-prospettiva tħares lejn l-implikazzjonijiet tal-OSH ta' żviluppi u kriżijiet futuri relatati mat-tibdil fil-klima. Il-proġett huwa konformi mal-oġġettivi ewlenin tal-Qafas Strateġiku tal-UE dwar l-OSH għall-2021–27, biex tiġi antiċipata u ġestita l-bidla fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u demografiċi u jkun hemm aktar thejġija għal rispons għal kriżijiet tas-saħħa futuri.



Sir af aktar dwar il-proġetti ta' prospettiva tal-EU-OSHA fuq
<https://osha.europa.eu/mt/emerging-risks>